MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 1/2001/1

Alfred u Michelina Axiaq .

vs

Ahmed Burgreen u b'digriet
Tat-18 ta' April, 2007, l-isem "Ahmed"
Ġie mibdul ghal 'MOHAMED'.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmienja u sebghin lira maltin u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm 878.64) rappreżentanti ammont imħallas mill-attur a kont tal-konvenut, bħala konsum ta' ilma u dawl, kif ukoll bħala ħlas ta' kera fil-fond numru disgħa (9) Blokk B, ta' Kelina Flats, Nadur, Gozo proprjeta' tal-attur.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Marzu, 2000 u tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. In linea preliminari l-kawża hija diretta kontra persuna li għandha isem u kunjom divers minn tal-per5suna tal-eċċipjenti, li ġie notifikat bl-atti tal-kawża u qed jikkontesta formalment il-kawża a skans ta' xi eventwali esekuzzjoni tas-sentenza fuq ħwejjgu minn din il-Qorti;

2. In linea preliminari wkoll l-eċċipjenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur;

3. Illi fil-meritu u bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet l-eċċipjenti mhuwiex debitur lejn l-atturi wisq anqas tal-ammont li qed jiġi minnhom pretiż;

4. Illi fi kwalunkwe' każ l-ammont pretiż mill-atturi huwa esagerat u mhuwiex dovut mill-eċċipjenti;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha tal-11 ta' Marzu 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jirreklamaw mingħand il-konvenut ir-rifużjoni ta' ħlasijiet ta' kontijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma illi huma ħallsu għaż-żmien li l-konvenut kien joqgħod fil-kera tagħhom, kif ukoll għall-kiri tal- fond indikat fl-Avviż lilu, u xi ħsara magħmula minnu fl-istess fond.

Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament illi huwa għandu isem u kunjom differenti minn dak indikat fl-Avviż. Infatti din il-kawża ilha tiġi differita għal dawn is-snin kollha

sabiex il-konvenut iġib il-provi tiegħu dwar din l-eċċezzjoni, sakemm b'digriet tagħha tat-18 ta' April 2007 il-Qorti awtorizżat li l-isem "Ahmed" jiġi mibdul għal "Mohammed" fl-okkju tal-kawża.

Fil-kors tas-smiegħ tal-kawża xehdu biss l-atturi. Dawn ikkonfermaw l-ammonti li qed jirreklamaw[1] u esebew ukoll diversi dokumenti sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom. F'din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma komplessiva ta' Lm878.64. Fl-affidavits tagħhom l-atturi spjegaw li dawn kienu jikkonsistu f': Lm540 bħala arretrati ta' kera dovuta mit-2 ta' Gunju 1999 sa l-aħħar ta' Marzu 2000,[2] Lm311.59 ħlas għall-konsum ta' dawl u ilma għall-perijodu bejn id-19 ta' Diċembru 1999 u l-14 ta' April 2000,[3] u Lm27 bħala danni sofferti wara li uħud mill-oġġetti fl-appartament ttieħdu jew ġew danneġġjati mill-konvenut meta qabad u abbanduna l-kirja,[4] li jġibu total ta' : Lm878.59.

Il-konvenut baqa' qatt ma ta ebda spjegazzjoni għaliex l-ammonti mitlub m'għandhomx ikunu ripetibbli.

Għaldaqstant m'għandu jkun hemm ebda diffikolta' biex it-talba attriċi tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm878.59, ekwivalenti llum għal elfejn sebgħa u erbgħin euro u ħdax-il ċenteżmu (EUR2047.11), dovuti minnu lilhom.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-14 ta' Marzu 2000 u tal-mandat ta' qbid fl-istess ismijiet kontra l-konvenut.

---

[1] Ara affidavits taghhom a fol. 51 - 53 u 62 - 63 rispettivament .
[2] ara Dok. AX 1 a fol. 54 : ittra nterpellatorja relattiva ta' l-14.3.2000 .
[3] Dokti. AX 3 a fol. 57, AX 4 a fol. 58 u AX 5 a fol. 59, 60 u 61 .
[4] Dok. AX 2 a fol. 55 – 56 : okkorrenza tal-Pulizija in konnessjoni mar-rapport li ghamlulhom l-atturi dwar il-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------